# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 10 ta' Gunju, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Attard)**
**vs**
**Paul Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Spiteri un detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 351678 (M).

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Gunju, 2019 ghall-habta bejn it-tlieta u nofs, l-erbgha neqsin ghoxrin ta' wara nofsinhar (15:30hrs – 15:40hrs) gewwa Triq il-Mimosa, Pieta', Malta:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 508 (A. Gatt) persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja , hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 508 (A. Gatt), persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed

jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna/i ohra u cioe' hebb u ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 508 (A. Gatt) skond kif iccertifika Dr Darren borg M.D (Reg. No 5928) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikoli 214, 215, 221(1)(a), u 222(1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qieghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma' halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma' kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lil-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatar ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjub kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali kwazi netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 214, 215, 221(1)(a), 222(1)(c), u 338(dd)(ee)(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn** u **multa ta' erbghat elef Euro (€4,000) liema multa ghandha tithallas fi zmien sentejn**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi klkiem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**